# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 5 ta’ Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 6**

**Citaz. Nru. 1712/98GV**

Doc. 131-01

**Joseph u Michelle konjugi Portelli**

**vs**

**Austin u Anna konjugi Psaila**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi waqt li l-attur Joseph Portelli, kien qieghed jistghad minn fuq il-kajjik tieghu fl-10 ta' Lulju, 1995, il-yacht misjuq mill-konvenut Austin Psaila baqa' diehel fil-kajjik tal-attur.

Premess illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur Joseph Portelli sofra danni fil-persuna tieghu kif ukoll fid-daghjsa tieghu.

Premess illi meta l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas ghad-danni kagunati, permezz ta' diversi ittri legali kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali, huwa baqa' inadempjenti u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita' ghall-istess.L-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 tiddikjara lli dan l-incident gara tort unikament tal-konvenut Austin Psaila minhabba negligenza, inprudenza, traskuragni, nuqqas ta' attenzjoni da parti tieghu;2 tillikwida d-danni sofferti fid-daghjsa tal-atturi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tillikwida d-danni fizici personali li sofra l-attur b'konsegwenza tal-incident relattiv okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi; u

4. tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somom hekk likwidati in linea ta' danni, kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 1997, dawk ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghall-konsult u dawk ta' seba' ittri legali tal-24 ta' Lulju, 1996; 30 ta' Awissu, 1996; 15 ta' Jannar, 1997; 1 ta' Mejju, 1997; 17 ta' Mejju, 1997; 31 ta' Ottubru, 1997; u 13 ta' April, 1998 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 7 tal-process fejn eccepew:

1 Fl-ewwel lok, l-eccipjenti Anna Psaila ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kienet involuta f'ebda incident ma' l-atturi.2 Fit-tieni lok, it-talbiet ta' l-atturi ghandhom ikunu michuda stante li l-incident in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent Austin Psaila.3

Fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghall-premess, kull eventwali likwidazzjoni tad-danni favur l-atturi, jew min minnhom, hija limitata u regolata mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 349 u Artikolu 353 tal-Kapitlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBIET**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li l-incident tal-10 ta' Lulju, 1995 gara tort unikament tal-konvenut Austin Psaila minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' attenzjoni da parti tieghu; tillikwida d-danni sofferti fid-daghjsa ta' l-atturi okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; tillikwida d-danni fizici personali li sofra l-attur b'konsegwenza tal-incident relativ okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lil atturi s-somom hekk likwidati in linea ta' danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew Anna Psaila ma kinitx involuta fl-incident, l-incident ma garax hitja ta' Austin Psaila. kull eventwali likwidazzjoni ta' danni favur l-atturi jew min minnhom hi regolata mid-disposizzjonijiet ta' l-art 349 u 353 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

**PROVI**

**L-attur** xehed li kien qed jistghad minn fuq il-kajjik tieghu ma' martu hdejn Qawra Point. It-temp kien tajjeb (ara fol. 14). Hin minnhom gie yacht fid-direzzjoni taghhom b'velocita' pjuttost qawwija. Hu pprova jigbed l-attenzjoni ta' minn kien

fuq il-yacht izda ma kien hemm hadd fil-kabina u fuq quddiem. Ipprova jressaq l-yacht b'idejh meta kien gej fuqu izda dan baqa' jhaxken mal-kajjik. Hu ntlaqat fuq spaltu, u nkisritlu u beda diehel hafna ilma fil-kajjik. Il-yacht baqa' ghaddej bl-istess velocita' u hu kompla jghajjat. Wara, Austin Psaila li kien fuq il-yacht, qallu li kien fuq l-*auto pilot* u dan m'obdiehx mill-ewwel. Kien qal lil Psaila li kien ankrat.

Mart l-attur ikkonfermat dak li qal l-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta pruvat li l-incident gara tort unikament tal-konvenut Austin Psaila li baqa' diehel fil-kajjik ta' l-attur. L-attur kien wieqaf, ankrat. Il-konvenut inghata opportunita' li jressaq il-provi tieghu izda dana m'ghamlux u lanqas ma ressaq provi fuq l-eccezzjonijiet tieghu biex jissostanzjahom.

**LIKWIDAZZJONI DANNI**

**Damnum emergens**

L-attur nefaq Lm6.79 bhala medicinali ara fol. 18 u 19, u Lm30 ghand Dr. F. Zammit Maempel ara fol. 21 u 22.

**Hsara fil-kajjik**

L-attur qabbad lill J. Aquilina & Sons biex jaghmlulu *survey* tal-hsarat fuq il-kajjik u tawh stima ammontanti ghal Lm125 ara Dok. B fol. 15 . Din giet konfermata minn Mario Aquilina a fol. 33.

**Dizabilita'**

Wara l-incident l-attur kien mar l-isptar fejn qalulu li kellu *fracture* fi spaltu ix-xellugija. Kien jaghmel il- *physiotherapy* izda sallum il-moviment taghha ghadu xi ftit limitat. Fiz-zmien ta' l-incident kellu 42 sena u kien impjegat bhala kok u kien jaqla' Lm69 fil-gimgha bhala *basic wage* u madwar Lm10 fil-gimgha ohra bhala sahra (ara dokumenti a fol. 46 sa 52). Minhabba l-incident ma setghax imur ghax xoghol ghal 6 gimghat.

Mr. F. Zammit Maempel xehed li kien ezamina lill-attur u ghamel rapport a fol. 29 et seq fejn tah dizabilita' permanenti ta' 3%.

Din id-dizabilita' lanqas ma giet kontestata u ma tqabbadx espert mediku.

**Lucrum Cessans**

**KALKOLU**

Il-**lucrum cessans** ghandu ghalhekk jigi kalkolat kif gej:-

Il-Qorti ser tikkalkola fuq paga biz-zidiet fl-ammont ta' Lm75 fil-gimgha ghal zmien ta' hmistax-il sena. Minhabba li l-attur ser jithallas wara sitt (6) snin ser jitnaqqas persentagg ghall-*lump sum payment* bit-2% ghall kull sena.

| | | |
|---|---|---|
| Paga | Lm75 x 52 | Lm3,900 |
| Ghal 15 sena | 15 x Lm3,900 | Lm58,500 |
| 3% Dizabilita' | 0 | Lm1,755 |
| 8% *Lump Sum* | | Lm1,615 |

TOTAL Lm1,615

**RIEPILOGU**

| | |
|---|---|
| **Damnum Emergens** | **Lm 161.75** |
| **Lucrum Cessan** | **Lm1,615.00** |
| **TOTAL** | **Lm1,776.75** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li l-incident tal-10 ta' Lulju, 1995 gara tort unikament tal-konvenut Austin Psaila minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' attenzjoni da parti tieghu;

tillikwida d-danni sofferti fid-dghajsa ta' l-atturi fl-ammont ta' Lm125;

tillikwida d-danni fizici personali li sofra l-attur b'konsegwenza tal-incident relativ fl-ammonti ta' Lm1,615 u Lm36.79;

tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lil atturi s-somom hekk likwidati, b'kollox Lm1,776.75 in linea tad-danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**